***Ħaż-Żebbug - Citta' Rohan***

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**LAQGĦA - AĠENDA NUMRU 46 – 5 ta' Mejju 2022**

***Minuti tal-sitta u erbgħin laqgħa tal-Kunsill tat-tmien Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar il-5 ta' Mejju fis-6:30pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' l-Kunsill Lokali fis-sitta u nofs ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda Numru 46. Il-laqgħa bdiet fis-6:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Mark Camilleri** | Sindku |
| | **Clive Azzopardi** | Viċi-Sindku |
| | **Steve Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Patrick Bonnici** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | D**avid Battistino** | Kunsillier |
| | **Philip Edrick Zammit** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Anthony Borg** | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija:** Ħadd


***Sindku (Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA Certified Public Accountant

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino, Anthony Borg

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*

**Assenti :** **Ħadd**

**Pubbliku:** **Ħadd**

**Uffiċjal preżenti:** **Paula M. Valletta** Segretarju Eżekuttiv

---------------------------------------------------------------------------------------------------------

**46.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija għaliex kulħadd kien preżenti.

**46.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

Iż-żewġ settijiet tal-minuti ittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku Mark Camilleri ppropona li l-minuti ikunu approvati. Huwa kien sekondat mill-Kunsillier George Cortis.

**46.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

**Community Police** – Is-Sindku Mark Camilleri nforma lill-Kunsilliera li kellu laqgħa mal-Awtoritajiet tal-Pulizija flimkien mas-Segretarju tal-Kunsill u l-Kunsillier Patrick Bonnici. Is-Sindku fakkar li l-Community Police talbu d-devoluzzjoni minghand il-Lands taz-zewg terrani li hemm 'il fuq mill-Kunsill. Fl-istess diskussjoni ħarget il-proposta li l-uffiċju tal-Community Police jkun inkorporat fil-Binja tal-Kunsill Lokali, b'aċċess għalih mit-triq u titwaqqa t-talba għad-devoluzzjoni min-naħa tal-Pulizija.

**Latrina Pubblika** – Is-Sindku Mark Camilleri qal li li qed jikkomunika mal-Perit Buhagiar dwar xi mistoqsijiet li saru mill-Bord tal-Aġġudikazzjoni u li jeħtieġu risposta mingħand il-Perit.

**Applikazzjoni għar-Restawr tal-Kappella tad-Dawl** – Is-Sindku Mark Camilleri nforma lill-Kunsill li saret applikazzjoni sabiex din il-kappella tkun restawrata permezz ta' skema li nħarġet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

**Laqgħat tal-Festi** – Is-Sindku Mark Camilleri qal li qed jistenna appuntament mal-Pulizija dwar il-Festa ta' San Filep ta' din is-sena. Issemmiet wkoll il-possibilita li l-Pulizija ikunu responsabbli biss miż-żamma tal-ordni fil-ġimgħa tal-festa u għaldaqstant ma jkunux responsabbli mill-għeluq. Kien hemm qbil li jkunu iċċarati dawn il-mistoqsijiet għaliex jekk il-Pulizija mhux ser ikunu responsabbli mill-għeluq tat-toroq, ser jitilgħu ħafna spejjeż li qabel kienu jinġarru mill-Istat.

**Gianpula Kiosks -** Kien hemm qbil unaninimu li jinfetħu iż-żewġ posti li hemm fejn il-Gianpula, fejn ir-raba' posta diġa hemm xi ħadd fil-waiting list, filwaqt li l-ħames wieħed hu vakant.

## 46.4 Bord tal-Għażla – Impjieg Tradesman Mason

Wara diskussjoni kien maqbul li fil-Bord tal-Għażla jkun hemm is-Sindku, is-Segretarju u l-Works' Manager.

## 46.5 Pedal-Assisted Tricycle Tender

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-unika offerent kellu l-offerta ta' Eur31,200 meta l-budget allokat huwa ta' Eur22,000, dejjem VAT eskluża. Sabiex ma tintilifx l-opportunita ta' dawn il-fondi, kien hemm qbil li din id-differenza titħallas mill-fondi tal-Kunsill.

## 46.6 Dekasteri

Is-Sindku M**ark Camilleri**

- Progetti
- Infrastruttura

u shadow fid dekasteri kollha.

**Steve Zammit Lupi**

- Ambjent
- Indafa

Shadow Edukazzjoni, Sports u attivitajiet fizici

**Il-Viċi-Sindku Clive Azzopardi**

- Innovazzjoni
- Finanzi

Shadow Progetti u Infrastruttura

**Philip Edrick Zammit**

- Komunitajiet

- Zaghzagh u tfal

Shadow fil-Kultura

**Patrick Bonnici**

- Edukazzjoni

-Sports u attivitajiet fizici

Shadow - Ambjent u Ndafa

**George Cortis**

- Harsien tal-annimali

Shadow fil-Kumitat tal-Anzjani

**Kevin Glynn**

- Integrazzjoni socjali

Shadow fil-Kumitat tal-Harsien tal-Animali

**David Battistino**

- Qasam Socjali

-Kultura

Shadow fil-Kumitat  tal-Komunitajiet

**Anthony Borg**

- Anzjani

Shadow fil-Qasam Socjali

### 46.7 Permessi tal-Imwejjed u Siġġijiet ta' James Caterers

Dwar PA/03378/21 u l-imwejjed u siggijiet quddiem l-istabbiliment James Caterers fi Triq Sciortino, ġewwa Ħaż-Żebbuġ, il-Kunsill qabel unanimament li:

1. *Jitpoġġew mwejjed u siggijiet fuq il-bankina wiesa li hemm quddiem il-ħanut* – **Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jitpoġġew imwejjed u siġġijiet fuq il-bankina fi Triq Sciortino man-naħa tal-ħanut, diment li jibqa 1.5 metri spazju liberu, mill-ġenb tal-bankina.**

2. *Titpoġġa platform tal-ħadid u l-injam minflok spazju li jokkupaw 2 vetturi fit-triq biex issir platform fejn ikunu jistgħu jitqiegħdu mwejjed u siġġijiet* – **Din il-proposta ma ġietx aċċettata.**

**Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni għall-punt numru 1, bil-kundizzjoni li saret, kif ukoll bil-kundizzjoni li ma jkunx ostakolat l-armar tal-festi  u armar iehor fil-perjodu tal-festa.**

**46.8 Toqob tal-Festa – Triq Giovanni Pullicino**

Is-Sindku Mark Camilleri spjega li saru diversi talbiet għall-toqob mill-Każini:

- Il-Każin Banda San Filep talab diversi toqob għall-kolonni dekorattivi li ser jintramaw fi Triq l-Isqof kif ukoll erbgħa oħra fi Triq Giovanni Pullicino.
- Il-Każin Banda 12th May talab li jtellgħu numru ta' toqob fi Triq Sciortino lejn l-iskola, fosthom toqob anke għat-tapit.
- Il-Każin Banda de Rohan talab li jiżdiedu żewġ toqob għan-nar fil-pjazza kif ukoll numru ta' toqob oħra f'Misraħ San Filep li ser jakkomodaw it-tapit.

Kien hemm qbil li jintalbu l-pjanti lit-tlett każini sabiex tkun tista ssir diskussjoni. Pero kien hemm qbil li jsiru dawn l-erba' toqob fi Triq Giovanni Pullicino minnufih.

**46.9 Rotta tat-Trasport Pubbliku 209**

Wara diskussjoni kien hemm qbil li ssir talba lill-Awtorita tat-Trasport Pubbliku sabiex tiżdied stage faċċata t'Emelda Butcher fi Triq Ganni Bonnici.

**46.10 Vot tal-Flus**

Il-Vot tal-Flus kien diskuss. Is-Sindku Mark Camilleri ppropona li l-iskeda tal-pagamenti tkun approvata. Hu kien sekondat mill-Viċi-Sindku Clive Azzopardi.

***Sindku (Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA Certified Public Accountant

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino, Anthony Borg

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut**, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*

**46.11 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss**

Din il-laqgħa ġie aġġornata għal 10 ta' Mejju 2022 sabiex tkompli tiġi diskussa it-tema tal-Festa 2022.

**Mark Camilleri**

**Sindku**

**Paula M. Valletta**

**Segretarju Eżekuttiv**

***Sindku (Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA Certified Public Accountant

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino, Anthony Borg

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut**, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*